# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Ottubru 2018**

**Kawza Numru : 39**
**Rikors Guramentat Numru : 877/2018/LSO**

**Patrick Calleja (K.I. 124568M) u Maria Carmela Calleja (K.I. 332168M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' binhom minuri Gian Calleja (K.I.0312203L) in kwantu kuraturi tal-istess minuri**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' Patrick Calleja detentur tal-karta tal-identita` numerata 124568(M) u ta' Maria Carmela Calleja detentrici tal-karta tal-identita` numerata 332168(M) datat 30 ta' Awwissu 2018 fejn bir-rispett Maria Carmela Calleja bil-gurament ikkonfermat:

Illi l-esponenti huma l-genituri tal-minuri Gian Calleja li twieled fil-wiehed u tletin (31) t'Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) u ghalhekk il-kura u l-kustodja tal-istess minuri hija fdata f'idejhom *ai termini* tal-Artikolu 131 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif johrog car mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok. 'A;'

Illi ghalkemm il-minuri jismu 'Gian' kif inhu mnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid, huwa fil-verita` maghruf bhala 'Gianni' mhux biss mill-qraba tieghu imma wkoll mill-hbieb tieghu u minn prattikament kull min jafu;

Illi minn ckunitu l-minuri uza l-isem ta' 'Gianni' u tuza l-istess isem ghalih il-familja tieghu u dan huwa l-isem li bih il-minuri huwa konsistentament imsejjah;

Illi dan l-istat ta' fatt qieghed jikkaguna inkonvenjent u pregudizzju lill-minuri kif ukoll diversi problemi u

kumplikazzjonijiet fil-hajja ta' kuljum tieghu u ghalhekk jehtieg li isem il-minuri jigi jaqra 'Gianni' minflok 'Gian' sabiex tigi eliminata kull konfuzjoni koncernanti l-istess minuri u b'dan jigu evitati sitwazzjonijiet li certament ser jinqalghu lill-minuri.

Illi tali problema ser tkompli tizdied tul is-snin meta l-minuri 'l quddiem jibda jattendi l-Universita` meta jigi sabiex isib impjieg u jezercita l-atti civili;

Illi l-esponenti ghandhom interess illi l-Att tat-Twelid ta' binhom ikun jirrifletti l-isem li l-minuri u l-familjari u l-hbieb tieghu konsistentament juzaw bhala l-isem li bih jissejjah minflok l-isem li hemm imnizzel fuq l-imsemmi Att tat-Twelid bhala l-isem li bih kellu jissejjah;

Illi l-artikolu 253 (2) *et seq*. tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti d-dritt lill-esponenti sabiex jaghmlu talba lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-registrazzjoni tal-isem li binhom juza ghalih u li bih huwa kien konsistentament imsejjah minflok l-isem li jidher fl-Att tat-Twelid;

Illi ghalhekk l-esponenti jridu illi l-isem "Gianni" jigi registrat fl-Att tat-Twelid tal-minuri minflok l-isem "Gian" li jidher imnizzel fl-istess Att u dana *ai termini* tal-artikolu 253 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment u qeghdin jikkonfermawhom bil-gurament taghhom.

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-isem li bih l-minuri huwa konsistentement imsejjah u maghruf huwa 'Gianni' u mhux 'Gian';

2. Tordna ghalhekk illi l-isem "Gianni" jigi rregistrat minflok l-isem "Gian" fl-Att tat-Twelid tal-minuri u ghalhekk l-imsemmi Att tat-Twelid jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata "isem it-tifla jew tifel" jitnizzel l-isem "Gianni" minflok l-isem "Gian", u dan *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna li dan il-bdil effettwat fl-Att tat-Twelid jigi rifless f'kull att iehor tal-istat civili tal-minuri u dan *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta’ Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 8 ta' Ottubru 2018 (fol 11) fejn l-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma:

1. Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-rikorrenti qed jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti d-direzzjonijiet taghha biex b'hekk isem il-minuri fl-Att tat-Twelid tieghu jinbidel minn *'Gian'* ghal'*Gianni';*

3. Illi l-esponent jirrileva illi ma ssib l-ebda oggezzjoni ghat-talba kif dedotta, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi l-minuri tul hajtu huwa kien konsistentament msejjah bhala *'Gianni'* u mhux bhala *'Gian*';

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tal-minuri *stante* li fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, kien proprju r-rikorrent, u cioe' Patrick Calleja li ddikjara l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tal-minuri, inkluz l-isem, u

ghal dawn il-fini huwa stess kien iffirma l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant, galadarba s-Sur Patrick Calleja, id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid, accetta l-informazzjoni inserita minnu fl-Att u kkonferma illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma tieghu, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku. *Stante* dan, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Illi minghajr preguddizzju, ir-rikorrenti qed jitlobu wkoll *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kodici Civili illi ghandha ssir tali korrezzjoni f' dawk l-Atti tal-iStat Civili relattivi kollha. Illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti ghandhom jispecifikaw liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv ta' kull Att relattiv;

6. Illi ghaldastant, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni, l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi. Maghdud ma' dan, l-esponenti wkoll hija tal-umli fehma illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti l-esponenti u kwindi d-Direttur ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Patrick Calleja et datat 10 ta' Ottubru 2018 a fol 14 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tirrikjama l-kawza fl-ismijiet fuq premessi ghal data ohra fil-qrib, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Qorti; u l-Qorti, bid-digriet taghha tas-16 ta' Ottubru 2018, laqghet it-talba u irrikjamat il-kawza ghat-23 ta' Ottubru 2018 fid-9:30am.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Valentina Lattughi u Dr Ian Stafrace ghall-atturi prezenti fl-Awla u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dr Lattughi prezentat nota b'affidavits u ghaddiet kopja lid-difensur tal-kontro-parti *seduta stante*. Xehed bil-gurament tieghu Pierre Calleja, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Lattughi ddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri. Dr Stephanie Ellul iddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Dr Ian Stafrace talab li f'kaz li l-Qorti taghti sentenza jkun hemm akkorciment ghat-terminu tal-Appell. Il-Qorti ordnat li l-kawza timxi bl-urgenza, fuq talba tar-rikorrenti mhux opposta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Ottubru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti *nomine* qed jitolbu tibdil fl-ewwel isem ta' binhom minuri a tenur tal-**artikolu 253(2) tal-Kaq 16 tal-Ligijiet ta' Malta** billi ismu ghandu jsir *Gianni* minnflok dak registrat *Gian.* Huma jsostnu li binhom ilu konsistentement maghruf bl-isem Gianni.

Illi l-intimat ma opponiex ghat-talba salv li jitressqu provi sufficjenti fil-mertu u li, inoltre, li m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Illi in sostenn tat-talbiet taghhom, ir-rikorrenti ipproducew dokumenti u certifikati skolastici u sportivi li jixhdu li mal-medda tas-snin it-tifel kien maghruf bl-isem Gianni. Hekk ukoll xehed iz-ziju tal-minuri quddiem din il-Qorti.

Illi fid-dawl ta' dawn il-provi, din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw li l-minuri ilu konsistentement maghruf bl-isem Gianni u mhux Gian skont id-dettami tal-**artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi dan premess ser tghaddi biex tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet. Ghar-rigward tat-tielet talba, *stante* li ma gewx esebiti l-atti l-ohra tal-istat civili fit-termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ser tastjeni milli tiehu

konjizzjoni ta' din it-talba sabiex b'hekk jibqa' riservat ghar-rikorrenti l-jedd li jressqu talba simili bi proceduri ohra.

Illi fic-cirkostanzi taqbel mal-intimat li m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet imressqa billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat dwar il-kap tal-ispejjez :

1. **Tilqa**' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-isem li bih l-minuri huwa konsistentement imsejjah u maghruf huwa 'Gianni' u mhux 'Gian';

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tordna illi l-isem "Gianni" jigi rregistrat minflok l-isem "Gian" fl-Att tat-Twelid tal-minuri esebit mar-rikors guramentat u ghalhekk l-imsemmi Att tat-Twelid jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata "isem it-tifla jew tifel" jitnizzel l-isem "Gianni" minflok l-isem "Gian";

3. T**astjeni** milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

*Stante* li din il-kawza qed tinstema' bl-urgenza, bi qbil mal-partijiet qed tqassar t-teminu ghall-appell ghall-24 siegha millum.

Tordna lill-intimat sabiex jaghmel il-korrezzjoni mehtiega fit-termini tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** fi żmien għaxart ijiem minn dakinhar li din is-sentenza tgħaddi f'ġudikat, skont kif provvdut f'dak l-artikolu.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**25 ta' Ottubru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Ottubru 2018**